# **Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**

Il-Ħadd 10 ta' Settembru 2017
It-XXIII Ħadd Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**

Illum ser niċċelebraw il-liturġija tat-tlieta u għoxrin Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex nisimgħu aktar dak li jgħidilna Alla f'ħajjitna.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Eżek 33, 7-9)

Il-profeta Eżekjel jurina l-importanza li aħna ngħinu lill-oħrajn fil-mixja tal-ħajja tagħhom.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 94 (95), 1-2.6-7.8-9)

Isimgħu leħen il-Mulej u la twebbsux qalbkom.

**It-Tieni Qari** (Rum 13, 8-10)

San Pawl jurina li l-imħabba hija l-bażi ta' kollox.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 18, 15-20)

Ġesù jurina li min iwiddeb lil għajru jkun qed iwettaq ir-rieda t'Alla.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Ejjew f'dan il-mument noffru lil Alla l-ħobż u l-inbid sabiex dawn isiru l-ġisem u d-demm ta' Sidna Ġesù Kristu.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

L-akbar imħabba ta' Alla għalina tiġi murija lilna fl-Ewkaristija.
B'dan l-atteġġjament, nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.